



Brussell, 10 ta' Marzu 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2024/0276(CNS)

6760/25
ADD 1

ECOFIN 236
FISC 45

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Suġġett: Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC9)
- Qbil politiku
= Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni taqbel mal-Kunsill dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-mudell standard għar-rapportar stabbilit fit-Taqsima IV tal-Anness VII tad-DAC9 jibqa' allinjat mill-qrib mad-Dikjarazzjoni tal-Informazzjoni dwar il-GloBE (GIR, GloBE Information Return) approvata mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS, Base Erosion and Profit Sharing). Dan l-allinjament huwa kruċjali biex jittaffa l-piż kemm fuq in-negozji kif ukoll fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni ser tressaq kwalunkwe proposta leġiżlattiva meħtieġa biex temenda t-Taqsima IV tal-Anness VII, b'mod rapidu, biex tiżgura allinjament mal-iżviluppi internazzjonali rilevanti u tilqa' l-impenn tal-Kunsill li jaġixxi malajr kemm jista' jkun biex jippermetti dan l-allinjament.
